MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-21 ta' April, 2015

Talba Numru. 300/2013

**David ID93266M u martu Mariella ID322868M konjugi Busuttil**

**vs**

**Aegee Valletta**
**Georgiano Muscat ID 201076M**

**It-Tribunal,**

I PRELIMINARI

**Ra** li fl-AVVIZ ir-Rikorrenti qed jitolbu li l-Intimati jroddulhom lura l-elfejn Ewro (€2,000.00c) li hallsuhom biex joperaw is-Cellini Wine Bar and Bistro fl-indirizz nru 2, Triq Toni Bajada, Naxxar billi l-Intimati ma setghux jaghmlu dan ghax, *inter alia* ma kellhomx il-permessi necessarji skond il-ligi.

B'RISPOSTA intqal (fil-qosor) hekk:-

1. It-TALBA ghandha tigi michuda fil-fatt, fid-dritt u fl-ekwita; hi vessatorja u intiza biex ir-Rikorrenti jiehdu lura "non-refundible deposit".
2. Il-fond ghandu l-permessi kollha
3. Ir-Rikorrenti kienu jafu dwar il-permessi f'laqgha ma Stefan Agius, sid il-post.
4. Huma ghazlu li jiffirmaw il-ftehim u issa qed isibu skuza.

5. Huma qeghdin lura ghal raguni li jafu huma u li ma tikkoncernax lill-Intimati.
6. Saret laqgha fl-ufficcju tal-avukat tar-Rikorrenti u lill-Intimati ntqalilhom: intom xorta krejtu l-post u David huwa ragel tal-familja u 2000 ewro se jhosshom.
7. Din tar-Rikorrenti hi decizjoni frivola.

Fl-udjenza tat-28.11.203 giet irtirata s-sitt eccezzjoni stante li d-diskussjoni saret fuq bazi ta’ minghajr pregudizzju.

II PROVI

1. Hawn jingiebu biss siltiet mill-provi li izda jitqiesu flimkien ma dak kollu li tressaq quddiem it-TRIBUNAL u li jinsab fil-process.
2. **David Busuttil**, Attur, qal li dahal f’negozju mal-Konvenuti dwar il-Wine Bar imsemmi konsistenti filli jati €35 kuljum lis-sid u €45,000 rigal lill-Konvenuti. Ghall-ewwel haseb li kienu tal-Konvenuti l-bank, l-armatura ta’ wara u l-kcina. Wara sar jaf li dawn kienu ta’ Attard & Co li maghhom min kien jiggestixxi l-post kellu kuntratt. Anke sab li din kellha tissuplixxi l-inbid. Skopra wkoll li ma kienx hemm permess ta’ restaurant kif kellu f’mohhu u l-ikel f’wine bar hu limitat. Kien wara li hallas l-€1,000 li sar jaf dan kollu. Jekk ituh lura dawn hu jkun kuntent.
3. **Chris Frendo** qal li hu president ta’ Aegee Valletta u kien indahhal f’din il-kwistjoni bhala parti ma Georgiano Muscat. Kien avvicinah l-Attur dwar Cellini Wine Bar and Bistro. Flimkien ma Muscat iltaqa mal-Attur u tawh il-kondizzjonijiet verbalment. Jaghraf Dok CB2 (*fol* 17) bhala ricevuta. Din issemmi **Non Refundibli Deposit** ta’ €2000 u tirriferi ghal “purchase of the goodwill and operational management of Cellini Wine Bar and Bistro” liema trasferiment kellu jsir minn Chris Frendo obo AEGEE-Valletta u Georgino Muscat “referred to as Operators”. Jinghad ukoll li fil-jum tat-trasferiment kellhom jidhru wkoll Mr & Mrs Agius “full owners of the premises for a transfer of lease of the said premises”. Li “stipulated date” kellha tkun il-15/2/2013 u dana meta l-ftehim igib b’firem b’dati bejn id-9/1/2013 u d-19/1/2013. Hemm imbaghad x’kellhom ikunu l-konsegwenzi jekk xi parti ma zzommx mal-ftehim.
4. Xehed li ftit wara kienu ltaqghu fil-bar u Stefan Agius spjega dak li kien ser jithalla fil-bar u qallu wkoll li riedet taderixxi Mrs Agius. Id-depositu sar b’zewg cekkijiet ta’ €1000 ‘l wiehed. Bhala Dok CB3 (*fol* 18) hemm esibit dokument tad-Direttorat Ghas-Sahha Ambjentali.
5. **John Bonello** qal li, bi pjacir, kien jiehu hsieb is-sit ta’ fuq l-internet, il-pagna tan-*network* socjali u Facebook tal-bar u semma l-varjeta tal-menu li kien joffri (ara affidavit *a fol* 19).
6. **Stefan Agius** fl-affidavit tieghu (ara *fol* 20) fis-sustanza kkonfrma dak li xehed Christ Frendo. Zied li kienu marru l-konjugi Busuttil u binhom fil-Fra Giuseppe Wine Bar, Balzan u spjegalhomm li l-Wine Bar kien jipprovdi *light grills* u li ma kienx restorant. Kien urihom il-permessi kollha tal-post u qalilhom li jekk riedu restorant setghu ihabbtu bieb iehor. Tahom anke xi karti

biex setghu jiehdu u jzommu fotokopja. Fid-19/1/2013 kien cempillu Chris Frendo u gharrfu li l-Atturi kienu "ffirmaw karta u ghaddew somma flus bhala depositu". Spicca jghid li "meta bdiet toqrob id-data tal-kuntratt, David Busuttil talab estensjoni u eventwalment ikkancella kollox".

7. **Georgiano Muscat** xehed fl-udjenza tal-24/2/2015 ikkonferma, fis-sustanza, dak li qalu Chris Frendo u Stefan Agius. Qatt ma kellhom inkwiet fit-tmexxija tan-negozju. Cahad li l-attur semmielu negozju ta' ristorant. Mistoqsi jekk kienux "isajru", wiegeb li "ahna konna naghmlu dak li hemm fuq il-menu".

III KONSIDERAZZJONIJIET

1. Hawn ghandna negozju definit, xejn misterjus, xejn imholli ghall-immaginazzjoni jew "imbaghad naraw". Id-Dok CB2 hu car bizzejjed. L-Attur u martu ffirmaw id-Dok CB2. Hawn wiehed anke jara serjeta' filli d-dokument gie firmat miz-zewg konjugi. Issa dan id-dokument jirreferi ghal Cellini Wine Bar u Bistro. Fis-xhieda tieghu b'affidavit, John Bonello kkonferma l-menu li kien jiehu hsieb hu fuq il-*website* tal-Wine Bar. Naturalment dan kien hemm **qabel** ma l-Attur thajjar jinnegozja dwar dan il-WineBar. Imkien ma jissemma ristorant.

   F'dan ir-rigward ix-xhieda tan-naha tal-Konvenuti jichdu li sar xi diskors jew li saret xi weghda u allura wiehed ma jistax jissoddisfa ruhu li David Busuttil **ipprova** li hu ried ristorant meta l-kelma tieghu hemm kontriha wkoll dak li jirrizulta car mid-Dok CB2.

2. Hu kurjus kif l-Attrici, li ffirmat ukoll id-Dok CB2 ma dehrietx f'din il-kawza. Bhalma hu kurjuz kif fl-oppozizzjoni ghat-talba attrici il-Konvenuti qalu li t-talba hi nfondata fil-fatt, fid-dritt u fl-ekwita'. Li tissemma l-ekwita fl-ewwel linja ta' difiza iddallam daqsxejn l-oppozizzjoni ghat-talba imma mhux sal-punt li jigu newtralizzati l-provi mressqa mill-Konvenuti.

IV DECIZJONI

Meqjus dak kollu kunsidrat fit-taqsima precedenti, t-TRIBUNAL **jiddeciedi** billi (1) **jichad** it-talba attrici u dana wara li (2) **jilqa** l-eccezzjonijiet tal-Konvenuti u, fic-cirkostanzi (3) **jiddeciedi** u **jordna** li dwar spejjes dawn jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------